# Il-Leġġenda ta' San Kurradu

F.X. MANGION

Inti u ħiereġ mill-Mosta, jekk taqbad
Triq San Pawl, malajr tasal fuq pont,
Illi nbena sabiex b'ikbar ħeffa
In-nies taqsam wied niexef u fond.

Dan il-wied darba kien wied mill-isbaħ,
Mimli dejjem tan-naħal bil-frieħ,
Illi tiegħu ż-żanżin kien jitħallat
Mat-tgelgil ta' nixxiegħa fil-qiegħ.

Sajf u xitwa dal-wied kien iħaddar,
Għax fih l-ilma ma kien jonqos qatt:
Ward iħeġġeġ, u siġar u għasel —
Kien fih għaxqa tassew għal kulħadd.

Ftit 'il ġewwa fil-wied kien hemm knisja
Fuq ir-rdum tilma bajda fid-dawl:
Knisja ċkejkna, mibnija fil-qedem
Mill-Mostin f'ġieh missierna San Pawl.

Ir-raħħal xi daqqiet kien jeqaflek
Biex iħares mill-grada tal-bieb
U jgħid talba; jew mara sserraħlek
Hemm il-qoffa tal-ħasla mal-ħbieb.

F'din il-knisja fi żmien ilu ħafna
Biex hemm jgħammar kien ġie xiħ qaddis:
Kien Kurradu li telaq id-dinja
Biex igħix biss fit-talb u t-tgħakkis.

Minn hawnhekk l-eremita kien joħroġ
Xi daqqiet biex iwissi 'l-Mostin,
Li, mxaħxħin fir-rtubija ta' l-għana,
Kienu nsew 'l Alla tagħhom ħanin.

"Fittxu indmu mill-ħajja ħażina!"
Kien jgħidilhom b'għajnejn jarmu x-xrar;

"Għajb għalikom, li rgħextu lil Alla
Bid-dagħa faħħxi u dnubiet l-aktar kbar.

"Dan il-ġid illi Alla bagħtilkom
Qalbkom ħassar: itolbu 'l-Mulej
Biex iżomm minn uliedkom il-qilla
Li fuq rashom għad tinżel f'li-ġej."

Reġa' u reġa' fakkarhom li Alla
Bosta drabi kien magħhom ħanin,
U widdibhom biex dnubhom jistqarru,
U fis jerġgħu ta' Pawlu għat-twemmin.

Imma dawn fl-aħħar beda jdejjaqhom
It-twiddib ta' Kurradu kuljum:
Bejtuh f'qalbhom, u ħalfu li lilu
Dlonk iwarrbu mill-knisja tar-rdum.

"Isimgħuh!" kienu jgemgmu bejniethom;
"Ġie hawn fostna Alla biss jaf minn fejn;
Ħallejnieh f'dan il-wied jgħammar magħna,
U għajjixnieh bl-ikel tagħna ta' b'xejn;

"Idur fuqna l-Mostin u jżeblaħna,
U jneħħilna kull ġieh kieku jrid,
Lil uliedna jheddidhom b'kastigi,
jekk ħajjitna ma nbiddlu, kif igħid.

"Eremita! Min jaf xinhu sewwa?
Mosti mhux, u min jaf minn fejn ġej?
Hux xi widna li trekken hawn fostna
Biex jilgħabna, ta' l-għadu qaddej?

"Inkeċċuh bis-saqajn minn ġol-knisja,
Fejn ġie jgħammar taparsi qaddis;
Indoqqulu kif tmiss xebgħa għesieleġ
Biex mill-wied fejn igħix jitlaq fis."

Dlonk fil-misraħ tar-raħal inġabru,
Imlebilba bħal merħla ta' dbieb;
Imma wieħed li jafha bi twila
Qallhom, "Le, le mhux hekk nagħmlu, ħbieb!

"Għax in-nies kontra tagħna teħodha:
Nuru d-dinja li x-xwejjaħ tal-wied
Mhux ħlief lifgħa li qbadna fin-nassa,
U hekk minnu neħelsu bil-kwiet."

"U kif nagħmlu?" saqsewh għalenija.
"Nagħmlu hekk:" qallhom dak minnufih;
Nibgħat għada lill-mara biex tagħmel
Tagħha l-ħasla fejn jgħammar ix-xiħ;

"U ħin wieħed taparsi ġo l-ilma
Hija tiżloq u tgħajjat l-ajjut;
Hawn Kurradu żgur joħroġ biex jgħinha —
U minn ħafna jsib ruħu maqbud."

Sebaħ l-għada: fl-għerien u ġos-siġar,
Ir-raħħala minsuba qegħdin;
Tiġi l-mara biex tagħmel il-ħasla:
Ftit nis' oħra jkun hemm dak il-ħin.

Taqbad taħsel u tgħanni, leħenha
Jogħla u jinżel maż-żiffa fis-skiet:
"Fjur sabiħ tar-rummien! L-ebda għasel
Oħla m'hemm minn dan l-għasel tal-wied.

"Fjur tal-bżar! Inti n-naħal issejjaħ
Biex il-ħlewwa jerdagħlek u jmur;
Fjur bajdani! Int tqanqal lil qalbi,
Sakemm l-għana bħal għajn minnha jfur."

Kif il-mara fuq l-ilma ltwiet tagħsar,
F'daqqa waqgħet minn xifer il-blat;
Qabdet tgħajjat l-ajjut, u Kurradu
Mit-talb waqaf jissemma l-għajat.

Fil-bieb ħareġ malajr, u ġo l-ilma
Jara mara titħabat; itir
Qisu vleġġa sa ħdejha; jiġborha;
Lilha jġorr ġo l-għarix tiegħu fqir.

Minnufih, qishom qatgħ'ajkli mġewħa.
Mill-għerien jilmaħ fuqu neżlin

Jgħajtu b'kemm kellhom saħħa r-raħħala:
" 'Tuh il-kelb! Żewġt uċuh! Assassini!"

Min bl-għesieleġ tas-siġar ivenvnu,
Min bil-ġebel, in-nies fuqu ġriet:
Hu mill-ewwel induna bin-nasba,
U telqilha dikment għal ġol-wied.

Għal warajh ġibdu dlonk u sal-baħar
Baqgħu jrossu sa kemm fuq il-blat
Fl-aħħar wasal Kurradu u n-nies għajtet:
"Nifgawh mela lil dax-xellerat!"

'Mma Kurradu f'wiċċ l-ilma fis telaq
Il-mantell, fuqu ntafa' għarrkobbtejh;
Qam ir-riħ, u l-mantell qata' 'l barra;
U hemm baqgħet in-nies tħares lejh.

Rawħ idejh jgħolli 'l fuq fit-talb tiegħu
Lill-Mulej biex jaħfrilhom dad-dnub;
Ilkoll telqu l-għesieleġ u l-ġebel,
U bdew jgħajtu lill-bniedem maħrub;

"Deh aħfrilna, iddew, o Kurradu!
Erġa' fostna u minn qalbna nwegħduk
Illi nbiddlu dil-ħajja qarrieqa,
U li f'kull ma widdibtna nobduk."

Imma kliemhom le reġa' ġieb lura
'L-eremita tal-knisja tal-wied:
Rawħ isalpa lejn Għawdex, u fl-aħħar
Sar daqs tikka, u għab fl-akbar skiet.

Reġgħu terrqu sal-knisja fejn jgħammar
Kien Kurradu, u hemm fuq l-altar,
Il-bastun tiegħu qiegħdu, u telqu
B'qalb mifnija tan-niket bl-imrar.

Hekk kif telaq minn hemm San Kurradu,
Siktet f'daqqa n-nixxiegħa tal-wied:
Nixfu s-siġar u miet il-ward kollu;
U l-għollieq u l-ħurtan aktar żdied.

Frieħ in-naħal minn hemm kollha siefru,
U aktar ħosshom fil-wied ma nstemax;
Il-għasafar ukoll taru 'l barra:
Ħlief mazkan u gremxul ma baqax.

Wied il-Għasel — għax hekk baqa' jismu —
Taħt ir-raħal ma kienx għall-Mostin
Ħlief tiċrita li minnha s-sibbiena
Kienu jaqbżu għal fuq ir-raħlin.

Siegħa lejl siksnijiet kienu jidħlu
Minn ġol-Qawra dikment ġo dal-wied;
Jaħtfu bhejjem u nies u jġorruhom
Lejn ix-xwieni tal-lejla fis-skiet.

Għadda ż-żmien, u l-bastun ta' Kurradu
Mimli ward fuq l-altar kien misjub:
San Kururadu mis-sema b'hekk wera
Lill-Mostin li nħafrilhom id-dnub.

U l-Mostin ftakru l-wegħda li għamlu
Lil Kurradu x'ħin tbiegħed mix-xatt,
U b'idejhom bnew knisja mill-akbar.
U mill-isbaħ li d-dinja rat qatt.